MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1391/2002

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici talbet u ppremettiet hekk:

Peress illi l-kontendenti izzewwgu fit-2 ta’ Settembru 1989 u mill-istess zwieg twieldu zewgt itfal, bl-isem ta’ D mwieled fil-5 ta’ Novembru 1990 u E mwielda fis-26 ta’ Marzu 1999;

U peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwiti lill-konvenut u senjatament eccessi, mohqrija, u theddid u ingurji gravi da parti tieghu, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

U peress illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili b' digriet numru 1477/02, sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza;

U billi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghalxejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati dawn l-odjerni proceduri;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut, ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut, u konsegwentement tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkukn ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri tal-kontendenti fuq imsemmija, jigu fdati esklussivament f' idejn l-attrici, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-konvenut ghall-istess minuri, taht dawk il-kundizzjonijiet li hi jidhrilha xierqa u opportuni;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, u dan ghaliha u ghall-istess minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u ohra lill-konvenut, okkorrendo jekk hemm bzonn, il-hatra ta' perit nominandi;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali esklussivament wahedha ma' uliedha b' dan illi l-konvenut jigi ordnat jivvaka mid-dar matrimonjali;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

8. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronumzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-attrici hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici ghall-hlas tal-manteniment fil-konfront taghha hija opposta;

4. Illi r-raba' talba hija opposta stante l-fatt illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mmill-attrici u di piu' l-attrici ddekadiet minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni.

5. Illi l-hames talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti mhijiex opposta b' dan pero' illi ghandu jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici, u b' riserva fis-sens illi l-konvenut ma huwiex fil-

pussess ta’ kwalunkwe gid tal-attrici, b’ riserva ulterjuri illi f’ kaz illi l-attrici tigi eventwalment dikjarata illi ddekadiet mid-dritt taghha fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konvenut, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-attrici tigi misjuba li kienet hatja tal-firda.

6. Illi s-sitt talba hija opposta stante illi dina ghandha tigi okkupata mir-ragel u uliedu.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant, li tinsab a fols.27 u 28 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata, li tinsab a fols.31 u 32 tal-prcess;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit gudizzjarju l-Arkitett Mario Cassar, minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplat fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jibbaza t-talba tieghu ghas-separazzjoni personali minn ma’ l-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess attrici.

Iz-zewg partijiet cahdu reciprokament l-allegazzjonijiet u l-imputazzjonijiet maghmula fil-konfront ta’ xulxin.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Settembru 1989 meta allura l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut kellu 36 sena. Il-konvenut huwa bin-negozju, filwaqt li l-attrici ghandha s-sengha ta’ hairdresser. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D u E, fil-15 ta’ Novembru 1990 u fis-26 ta’ Marzu 1999 rispettivament.

Illi l-inkwiet matrimonjali bejn il-koppja beda kwazi mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali. Di fatti fis-sena 1992 l-attrici kienet bdiet kawza ghas-separazzjoni, izda kienet waqfitha fis-sena 1998 meta l-partijiet kienu rrikonciljaw. Sussegwentement twieldet it-tieni wild taghhom fis-26 ta’ Marzu 1999. Ghalkemm inizjalment deher li s-sitwazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet kienet tajba, sussegwentement rega’ fegg l-inkwiet bejn il-partijiet, li eventwalment wassal ghall-proceduri odjerni.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li l-konvenut qatt ma kien “committed” fiz-zwieg, u, apparti milli kien jmur ghax-xoghol, del resto kien ihalli kollox f’ idejn l-attrici, anke wara t-twelid tat-tfal taghhom, tant li, skond hi, ma steghetx tkompli tahdem ghalkemm hija kellha kamra armata mill-konvenut, fid-dar matrimonjali sabiex tilqa’ l-klijenti taghha. L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien jghatiha “paga” fil-gimgha sabiex tghajjex il-familja, filwaqt li kien ihalliha fl-ghama dwar l-introitu minn negozju tieghu. Hija takkuzah b’ disoneta’ fil-konfront taghha f’ dan ir-rigward, stante li, hi kienet temmen li hu kellu introitu hafna izjed minn dak li kien jghidilha u li ma kienx minnu li n-neozju tieghu ta’ spraypainter kien sejjer lura.

L-attrici tilmenta ukoll mill-fatt li l-konvenut kien jinjoraha u ma kienx jikkomunika maghha u li “mill-ewwel jiem taz-zwieg ddecieda li ma kienx ser jaqsam hajtu mieghi, anzi ghalaqni l-barra minn hajtu ghal kollox.”[1] Hi ssostni li l-konvenut “qatt ma kien committed fiz-zwieg; qatt ma

[1] Aff. fol.48

ghamel komunikazzjoni u sharing, anzi jahbi; qatt ma jurini x’ jaqla flus jew x’ jaghmel bihom. M’ hemmx fiducja u onesta’.”[2]

Minn naha tieghu, il-konvenut jichad dawn l-allegazzjonijiet, u jsostni li mhuwiex minnu li huwa kien jahrab mir-responsabilitajiet tieghu fiz-zwieg, kemm fil-konfront ta’ l-attrici u izjed u izjed fil-konfront tat-tfal taghhom. Huwa kien imur ghax-xoghol u kien jghati flus lill-attrici sabiex tghajjex il-familja, filwaqt li l-kontijiet ta’ l-utilitajiet tad-dar, u l-iskejjez tat-tfal u bzonnijiet ohra kien ihallashom hu. Huwa jghid li mhuwiex minnu li l-attrici ma baqghetx tahdem ta’ hairdresser, tant li huma kien ftehemu li jixtru post Hal Balzan sabiex tahdem fil-l-attrici, u l-flus kienet izzommhom ghaliha.

Il-konvenut isostni li l-fonti ta’ l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet huma s-sentimenti li l-attrici kienet baqghet thoss anke fiz-zwieg ghan-namrat li kellha qabel ma ltaqet mal-konvenut. Dan jirrizulta car u ammess mill-istess attrici min-notamenti minn dijarju taghha esebiti fl-atti, minn fejn jirrizulta car li l-attrici ghadha ffissata fuqu tant li fi kliemha “I never quite fogot ‘J’ [Joe], I still loved him even though I left him …. I cannot forget him …. Now I find myself thinking about him, even if I pass through Mellieha, it comes all back …. I feel a strong attraction to him”; u fl-istess nofs tkompli tikteb fuq il-konvenut u r-relazzjoni taghhom b’ dan il-mod: “With Vic it was always very different, the attraction. I found myself from one extreme to the other ….. it never felt like a marriage I always feel alone with him….. <u>In the beginning</u>, things were already wrong; then I was pregnant; it was <u>all</u> a mistake.”[3]

F’ notament iehor l-attrici tikteb li “I know I have a good relationship with C ….. <u>I feel C is more into the relationship then me</u>. I don’t want to make any more sacrifices. I feel that C doesn’t deserve me. I feel C dosen’t open up to me.”[4]

---

[2] Ibid
[3] Fol.384 – sottolinear tal-Qorti
[4] Fol.383 – sottolinear tal-Qorti

Illi fuq l-istregwa ta’ dawn id-dokumenti, il-konvenut ressaq il-fattur ta’ l-adulterju da parti ta’ l-attrici bhala wahda mill-kawzalijiet tat-talba tieghu. Huwa jilmenta wkoll li l-attrici kienet tirrifjuta li jkollha x’ taqsam mieghu.

Illi dwar dawn in-notamenti l-attrici tghid li hija kienet kitbithom f’ mumenti meta kienet tkun imdejqa, u tghid li “jiena dawn qed nikteb dak li kont qed inhoss dak il-hin” izda tghid li dawn in-notament qatt ma baghatihom lin-namrat precedenti taghha u qatt ma wriethomlu.[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li f’ dan il-kaz ma jirrizultawx provati, l-estremi ta’ eccessi, krudelta’ jew minacci gravi da parti tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin. Ma jirrizultax li l-konvenut kien isawwat lill-attrici jew li kien jahqarha, jew vice versa; ghalkemm l-akkuza ta’ adulterju fiha nnifisha, minghajr provi, tikkostitwixxi ngurja gravi; izda mill-band’ l-ohra din ma kienitx il-kawza tal-inkwiet matrimonjali. Lanqas tirrizulta xehha da parti tal-konvenut li tista’ tikwalifika bhala serivizzi; l-ilment ta’ l-attrici huwa li l-konvenut kien dizonest maghha fejn kien jidhol il-veru introitu tieghu.

Minn naha l-ohra il-Qroti tikkkunsidra li l-konvenut naqas meta ma kienx jghati sodisfazzjoni lil martu ta’ l-introitu shih minn negozju, u li gie percepit waqt iz-zwieg u li ghalhekk nofsu jappartjeni lill-attrici bid-dritt, kif kien jappartjeni lill-konvenut nofs l-introitu ta’ l-attrici mix-xoghol li kienet taghmel. Jidher li dan in-nuqqas da parti tal-konvenut, kien ukoll sors kontinwu ta’ dwejjaq u dispjacir ghall-attrici u ta’ inkwiet bejnu u bejn martu li kkunsidrat li l-konvenut ma kienx sincier ossia “open” maghha fiz-zwieg u kien jistmaha bhala impjegat li jghatiha il-“paga”, u li ghal bqija kellha tfenid ghar-rasha.

Fil-fehma tal-Qorti, sors iehor principali ta’ l-inkwit bejn il-koppja kien il-fatt li l-attrici ma kienitx kuntenta tghix mal-konvenut u ma kienx ihossa komda mieghu stante li kienet issostni li kien jahbi minnha; konsegwentement

---

[5] Fol.523

kienet baqghet tikkoltiva sentimenti ta' affezzjoni, jekk mhux fissazzjoni, fil-konfront ta' l-ex namrat taghha, sa' tal-punt li kienet anke taghmel paragun bejn dan u l-konvenut zewgha, u anke kienet tnizzel bil-miktub dawn il-hsibijiet. Mhux ta' xejn li l-attrici ma rnexxielhiex tkampa fil-konvivenza matrimonjali tant li wara biss tlett snin taz-zwieg hija kienet diga' bdiet il-procedura biex tissepara minn mal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti, hija tal-fehema li, z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment stante li, fic-cirkostanzi, l-konvivenza bejniethom giet resa mpossibbli bi htija taz-zewg partijiet, izda fi grad akbar da parti ta' l-attrici.

**Kura u Kustodja u Access**

Illi z-zewg minuri, tfal komuni tal-partijiet, ghandhom bzonn l-imhabba taz-zewg genituri, u ghalhekk, fin-nuqqas ta' raguni li juru l-kuntrarju, iz-zewg genituri ghandhom ikunu partecipi bis-shih, anke bil-presenza taghhom, fil-hajja ta' uliedhom.

Konformament mal-premess u tenut kont ta' l-eta' tat-tfal, il-Qorti tilqa' s-suggeriment ta' l-attrici, mhux oppost mill-konvenut, li l-kura u kustodja tat-tfal D u E, tigi fdata f' idejn l-attrici, izda decizjonijiet importanti dwar sahha, edukazzjoni u ta' natura socjali rigwardanti l-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-partijiet; u, filwaqt li l-minuri ghandhom jibqghu jghixu ma' ommhom, il-missier ikollu dritt ta' access darbtejn fost il-gimgha saghtejn u nofs kull darba, u darba fil-weekend, is-Sibt jew il-Hadd, b' mod alternat mid-9.30 am sal-12.30 pm; inoltre darba kull hmistax l-access tal-missier fil-weekend ikun mis-Sibt fl-12.30 pm sal-Hadd 7.30 pm bid-dritt li jraqqad it-tfal mieghu.

**Manteniment**

Illi in tema legali jigi osservat li huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom.[6] Rigward il-quantum tal-manteniment, il-ligi

[6] Art.7 Kodici Civili

tiddisponi li dan ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jghatih;[7] u meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol, is-salarju jew il-pensjoni tieghu, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.[8]

Illi fil-meritu jigi osserva li l-attrici ghandha l-kwalifiki sabiex tahdem bhala hairdresser kif ukoll bhala beautician, u ghalhekk, kif rikonoxxut minnha fin-nota taghha, hija ghandha l-potenzjal li taghmel xoghol bi qligh adegwat;  izda tilmenta li minhabba l-kura kostanti li ghandha bzonn it-tifla hija mhijex f' pozizzjoni li tahdem.

Minn naha tieghu, il-konvenut, li jahdem bhala sprayer tal-ghamara, jostni li l-qligh minn negozju tieghu naqas hafna, in vista tal-awment llum fl-importazzjoni tal-ghamara u materjal uzat. Skond l-ahhar dokumenti prezentati minnu ghas-sena stima 2003, huwa kien irregistra mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni qligh gross ta' Lm3,960.  Ma dan l-introitu, il-konvenut ghandhu introitu ta' Lm260 fix-xahar kera percepita mill-lokazzjoni ta' post fin-Naxxar parfernali tieghu. Ghalhekk, almenu skond it-tesi tal-konvenut, li pero' ma gietx konfutata mill-attrici bi provi li juru l-kuntrarju, huwa ghandu introitu gross annwali ta' Lm7,080.

Illi in forza ta' digriet mahrug mis-Sekond' Awla tal-Qortii Civili fil-5 ta' Settembru 2002, l-konvenut ghadu jhallas lil martu retta alimentarja ta' Lm80 fil-gimgha, rapprezentanti in kwantu ghal Lm50 manteniment ghaliha, u Lm30 ghaz-zewg uliedu.

Illi in propositu l-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-attrici ghandha l-potenzjali li tahdem u taqla' qligh adegwat, jekk mhux ukoll sostanzjali, mill-okkupazzjoni taghha, u r-raguni li tati ghaliex fil-prezent mhux qed

---

[7] Art.20 [1] Ibid

[8] Art.20 [3] Ibid.

tahdem hija l-kura tat-tfal partikolarment tat-tifla. Il-Qorti tosserva li dina mhijex raguni valida ghaliex l-attrici m' ghandhiex igorr il-piz taghha f' dan ir-rigward, tenut kont tal-fatt li llum il-gurnata z-zewg ulied jattendu l-iskola, u ghalhekk zgur li l-attrici ghandha hin liberu sufficjenti ghal dan l-iskop, multo magis, jekk tkompli tahdem mid-dar matrimonjali. Barra minnhekk anke hi ghandha htija tas-separazzjoni, u ghalhekk ghandha ggorr parti mill-piz finanzjarju tal-familja, li pero' ghandu jkunu nferjuri ghal dak tal-konvenut li m' ghandux il-kura u kustodja effettiva tat-tfal, u ghalhekk certament ghandu jkollu aktar zmien biex jahdem izjed, u jzid l-introitu tieghu.

[2] Illi, ghalkemm il-provi dokumentali juru li l-konvenut ghandu qligh gross minn negozju ta' Lm3,960, il-Qorti ghandha r-riservi taghha kemm l-introjtu tal-konvenut minn negozju huwa f' dan il-limitu; apparti minn hekk, kif fuq indikat huwa ghandu introitu gross ulterjuri ta' Lm3,120 derivanti mill-kera tal-fond tan-Naxxar.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti tordna li [1] l-konvenut ghandu jissoministra lil martu bhala manteniment ghaliha is-somma ta' ghoxrin lira Maltin [Lm20] fil-gimgha ghal zmien sena millum; wara liema perijodu l-manteniment ghall-attrici jieqaf stante li hi ghandha l-hila u l-potenzjal li tahdem bi qligh tajjeb; [2] ghandu jghati lill-attrici s-somma ulterjuri ta' tletin lira Maltin [Lm30] fil-gimgha manteniment ghaz-zewgt-it tfal sakemm dawna jghalqu t-tmientax, jew inkellha qabel, jekk ikunu qed jahdmu bi qligh.

Illi l-ispejjez edukattivi u dawk relattivi ghas-sahha tat-tfal minuri ghandhom <u>sa zmien sena</u> mill-lum jibqghu kollha a kariku tal-konvenut; izda wara dan il-perijodu ta' sena, dawn l-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg genituri u l-hlas isir kontra d-debiti ricevuti jew invoices, b' mod li, filwaqt li l-konvenut ihallas zewg terzi [2/3] minnhom, l-attrici thallas ir-rimanenti terz [1/3]. Din id-differenza fil-proporzjoni tal-hlas issib ir-raguni fil-fatt li l-attrici ser ikollha l-kura u kustodja effettiva ta' l-ulied, u ghalhekk anqas zmien biex tahdem bi qligh.

**Komunjoni ta l-Akkwisti u Proprjeta' Parafernali**

*Dar Matrimonjali*
Illi d-dar "The Pines" Annibale Preca Street, Lija mibnija fuq art parafernali ta' l-attrici hija l-akbar assi tal-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li waqt l-gherusija l-attrici kienet xtrat, mill-flus moghtija lilha mill-genituri taghha, l-art li fuqha llum hemm mibnija d-dar matrimonjali, u dan bil-prezz ta' Lm4,500, u li llum ghandha valur ta' Lm130,000[9]

Illi l-partijiet kienu ftehmu li, filwaqt li l-attrici tixtri l-art, il-konvenut kellu jiehu hsieb jinbni d-dar. Konformament, sa qabel iz-zwieg, fuq l-art kienu gja tlestew mill-konvenut il-pedamenti, il-garage u l-ewwel sular bi spiza ta' Lm6,057.60 mahruga mill-konvenut li Lm1,000 tathomlu l-attrici. Minn naha taghha l-attrici, wara z-zwieg, harget is-somma ta' Lm6,331.23 spejjez ta' fittings kif jirrizulta mic-cheques minnha prezentati li li jgibu d-dati mill-14 ta' April 1990 sa l-10 ta' Novembru 1990[10]

L-attrici tispjega li Lm5,351.48 kienu flus parafernali taghha ezistenti fit-12 ta' Settembru 1989, filwaqt li l-kumplament kienu fondi li akkumulaw fil-kont fuq isimha wara id-data taz-zwieg fit-2 ta' Settembru 1989[11]

Illi mill-atti jirrizulta li sussegwentement fuq l-kont f' isem l-attrici kienet ittiehded overdraft facility sabiex titlesta d-dar, kif jirrizulta mis-sanction letter datata 25 ta' Mejju 1991.

In propositu ghall-hlas tal-pagamenti tal-loan, hemm kuntrast bejn il-versjonijiet tal-partijiet li t-tnejn isostnu li kienu jithallsu mill-flus taghhom. Minn naha tieghu l-konvenut jispjega li, inizjalment huwa kien jghaddi l-flus lill-attrici sabiex thallas il-loan f' isimha, izda peress li ma kienitx tatih ricevuta, huwa kien kompla jhallas il-loan permezz ta' cheques li ta' uhud minnhom prezenta kopja filwaqt li tal-kumplament prezenta l-mamma tac-cheques. Illi in propositu ghall-pagamenti tal-loan il-Qorti thoss li fuq bazi ta' probabilita' u verosimiljanza, il-versjoni tal-

[9] Vide Relazzjoni Perit Cassar fol.578 *et seq.*
[10] Dok.1 anness ma' l-affidavit taghha fol.90 *et seq.*
[11] Dok.H fol.89

konvenut hija aktar affidabbli, u cioe' li l-pagamenti minn saru mill-flus tal-komunjoni.

Illi mir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju jirrizulta li l-fond kollu ghandu valur komplessiv ta' Lm200,000; u ghalhekk il-benefikati maghmula fuq l-art appartenenti lill-attrici, jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm70,000.[12]

Illi jirrizulta car ghal din il-Qorti, li meta l-partijiet ftehmu li jibnu l-fond intiz bhala d-dar matrimonjali taghhom l-intenzjoni taghhom kienet li l-benefikati li jinbnew fuq l-art ta' l-attrici, mixtrija proprju ghal dan l-iskop, jkunu jappartjeni lit-tnejn sabiex jghixu fid-dar huma u uliedhom.

Illi rigward l-ispejjez inkorsi sabiex saru dawn il-benefikati, il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg partijiet ikkontribwew b' mod sostnazjali, u l-provi huma fis-sens li pressa poca l-kontribut taghhom kien indaqs. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tikkonsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni; u cioe' li d-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici stante li hi proprjetarja ta' l-art sottostanti, filwaqt li tassenja llil-konvenut kreditu fil-konfront ta' l-attrici ekwivalenti ghal-nofs il-valur tal-benefikati maghmula fuq l-art, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' hamsa u tletin elf lira maltin [Lm35,000].

*Dar tan-Naxxar*

Illi l-konvenut ghandu dar fi Triq id-Dejqa fin-Naxxar proprjeta' parafernali tieghu li matul iz-zwieg saru xogholijiet fiha fl-ammont ta' Lm8,200 liema spejjez il-konvenut isostni li saru mill-flus li huwa kien wiret minnghand missieru u z-zijiet tieghu. Fix-xhieda tieghu hut il-konvenut, ikkonfermaw li l-ahwa kienu wirtu kull wiehed: Lm4,500 mill-wirt tal-genituri taghhom, Lm4,300 mill-wirt taz-zija Karmena, Lm9,400 mill-wirt ta' huhom Carmelo B; u ghalhekk b' kollox kull wiehed minn hut il-konvenut, inkluz l-istess konvenut, wirtu s-somma ta' Lm18,200.

[12] Vide wkoll eskussjoni perit gudizzjarju fol.574 *et seq.*

In propositu l-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi, u in difett ta' provi li juru l-kuntrarju, l-allegazzjoni tal-konvenut dwar l-provenienza tal-flus li bihom huwa hallas ghax-xogholijiet li saru fid-dar parafernali tieghu, ghandha titqies bhala veritiera.

*Ghamara*
Illi l-konvenut esebixxa bhala dokument X a fol.484 tal-process inventarju tal-mobbli li fil-prezent jinsabu fid-dar matrimonjali "The Pines" Annibale Preca Str. Lija, fejn jelenka l-oggetti li huma parafernali tieghu, dawk parafernali tal-mara u dawk appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni f' dan ir-rigward, u ghalhekk tordna [1] li l-proprjeta elenkata that l-intestatura "Parafernali tar-Ragel" tigi konsenjata lill-konvenut minnufih; [2] l-affarijiet elenkati fl-istess dokument that l-intestatura "Komunjoni ta' l-akkwisti" jinqassmu bejn il-partijiet f' porzjonijiet ugwali; [3] l-effetti elenkati that l-intestatura "Parafernali tal-mara" ghandhom jibqghu fil-pussess taghha bhala appartenenti lilha.

*Vetturi*
Illi l-vettura Volkswagen Polo Classic ABF 254 tigi assenjata lill-attrici fl-intier taghha; filwaqt li l-Van Toyota DAD 191 tigi assenjata lill-konvenut fl-intier taghha.

*Depositi Bankarji*
Illi d-depositu bankarji f' isem il-partijiet, kemm konguntivament kif ukoll separatament, ezistenti sallum ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

*Negozju*
Jigi osservat li n-negozju tal-konvenut huwa parafernali tieghu; u inoltre, ma ngabux provi li juru li waqt iz-zwieg kien hemm xi awment f' dan in-negozju li jista' jigi attribwit lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi rigward l-akkwist prospettat tal-hanut numru tnejn [2] Triq il-Kbira f' Hal Balzan, kif indikat mill-partijiet fil-verbal

kongunt registrat minnhom fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 2006, il-Qorti osserva li sad-data ta' din il-gudizzju ma giet prezentata ebda nota in propositu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tat-tnejn; izda fi grad akbar da parti ta' l-attrici

[2] tilqa' it-tieni talba fit-termini fuq indikat fis-sezzjoni ndikata "Kura u Kustodja u Access";

[3] tilqa' it-tielet talba fit-termini fuq indikat fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[4] tichad ir-raba talba, stante li mhijex gustifikata fic-cirkostanzi;

[5] tilqa' l-hames talba u tordna x-xoljiment u l-likwidatazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett millum u tordna li l-assenjazzjoni ssir kif fuq indikat u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta l-Akkwisti u Proprjeta' Parafernali";

[6] tilqa' s-sitt talba fis-sens li d-dar "The Pines" f' Hal Lija, ma tibqax titqiex aktar bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

[7] tilqa' s-seba talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jircevi l-att opportun fi zmien tlett xhur mill-lum fid-data u hin fissati mill-istess nutar, u tinnomina lil Dottor Andrea Micallef biex jidher ghall-eventwali kontumaci;

[8] tilqa' t-tmien talba fis-sens ordnat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta l-Akkwisti u Proprjeta' Parafernali";

[9] tilqa' d-disa talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti ta’ zewg terzi [2/3] l-attrici u terz il-konvenut.

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament u fis-sens fuq deciz;
[2] tilqa’ t-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba talba in kwantu diretta ghall-hlas ta’ manteniment ghall-konvenut stante li *rebus sic stantibus* dan ghandu mezzi adegwati; filwaqt li, in kwantu ghall-manteniment tat-tfal, tirrileva li mill-provi ma jirrizultax li fil-prezent l-attrici ghandha introitu sufficjenti ghal dan l-iskop; in ogni caso hi ghandha l-kura u kustodja effettiva u gjornaliera tat-tfal;
[5] tichad il-hames talba stant li mhux gustifikata fic-cirkustanzi;
[6] tilqa’ is-sitt talba fis-sens gja fuq deciz;
[7] tilqa’ s-seba talba fis-sens gja fuq deciz;
[8] tilqa’ t-tmien talba;
[9] tichad id-disa’ talba;
[10] tilqa’ t-talba numru ghaxra;
[11] tichad it-talba numru hdax, stante li ma rrizultax provat ir-rekwizit tal-pregudizzju gravi preskritt mill-artikolu 62[2] tal-Kap.16

L-ispejjez ghandhom jigu sopportanti bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti ta’ zewg terzi [2/3] l-attrici u terz il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------